MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 374/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**Vs**
**Alfred Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. fit-23 t'Awwissu, 2008, ghall-habta tas-6.00 p.m., fi Triq Burmarrad, Burmarrad, flimkien ma' Anthony Zammit, ikkommetta serq ta' zewg basktijiet bi flus kontanti, cekkijiet, scratch cards u mobile phone top-up vouchers, fost affarijiet ohra, minn vettura Skoda Felicia, numru tar-registrazzjoni JAB 991, liema serq hu aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin Euro w sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta' Maria Aloysia Suda w/jew ta' persuni ohra.

2. fl-istess data w hin, kif ukoll iktar qabel kif ukoll wara l-hin indikat, fl-inhawi ta' Burmarrad u f'diversi inhawi ohra ta' Malta saq vettura Mercedes Benz, numru tar-registrazzjoni JBJ 764, meta l-licenzji kollha tas-sewqan mahruga f'ismu mill-awtorita' kompetenti jinsabu sospizi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 31 ta' Jannar, 2008 u b'hekk saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 t'Ottubru, 2009, li biha, filwaqt li ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan ta' vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni w illiberatu minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(c)(g), 267, 271 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, w l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu tlett (3) snin prigunerija w b'applikazzjoni ta' l-artikolu 30 ta' l-imsemmi Kapitolu 9, skwalifikatu milli jkollu kwalunkwe licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' ghaxar (10) snin.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li mhux hati tat-tieni akkuza w tilliberah mill-ewwel akkuza. Fin-nuqqas taghti piena aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti :-

1. illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Minkejja li mhux qed jigu kkontestati l-ewwel akkuza, (Sic!) l-Qorti ma kellhiex provi bizzejjed sabiex issib l-appellant hati ta' serq. Jidher li hemm konflitt ta' provi mhux biss bejn dak li qal l-appellant u xhieda tal-prosekuzzjoni, izda anki dak li qalu l-istess xhieda tal-prosekuzzjoni.

2. illi s-sentenza tghid li *“ghalkemm Suda ma setghetx taghti valur preciz ta’ l-oggetti li nsterqu zgur li l-ammont jeccedi mitejn u erba’ w tlettin Euro (€234)”*. Huwa minnu li m’hemmx ghalfejn valur preciz, izda jkun basta li l-valur ta’ l-oggetti misruqa jkunu jaqbzu €234. Izda l-appellant jirreleva li Mrs. Suda mhix esperta w lanqas ma setghet taghti raguni ghaliex hija daqshekk certa li l-valur jeccedi l-ammont rikjest mill-ligi. Kemm kellha flus kontanti, l-valur ta’ cekkijiet m’ghandhomx ikunu inkluzi, kemm kien hemm scratch cards u top-up cards u liema valur kellhom. Il-Qorti ghandha tkun konfortata li l-prosekuzzjoni lahqet il-grad tal-prova, jekk kien hemm aktar informazzjoni li jwassluha biex tkun konvinta li sehh l-aggravju kif prospett (Sic!) mill-prosekuzzjoni.
3. illi jekk instab mhux hati tat-tieni akkuza ma kellux ghaliex jigi sospiz (Sic!) il-licenzja tieghu ghal ghaxar snin. Prigunerija ghal tlett snin ghal serq li se mai jaqbez bi ftit aktar minn €234 huwa wiehed eccessiv minkejja li huwa recidiv.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru, 2009, li bih Dr. Malcolm Mifsud ghall-appellant iddikjara li fejn fir-rikors tal-appell hemm il-kliem: *”mhux qed jigu kontestati”* dan irid jigi *“qed tigi kontestata.”*

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel aggravju jirrigwarda l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Illi hu ormai stabbilit fil-gurisprudenza li l-ezercizzju ta’ din il-Qorti f’kull kaz fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f’ dan il-kaz, tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-

gudizzju tal-Ewwel Qorti , trid tkun konvinta li l-Ewwel Qorti ma setghetx, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, taghti affidament lill-versjoni minnha addottata.

Din il-Qorti ghalhekk ghamlet studju approfondit tal-provi biex tara jekk il-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti kienetx wahda *"safe and satisfactory".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-23 t' Awwissu, 2008, **Maria Aloysia Suda** kienet ghadha kif ghalqet il-bank tal-Lottu li hi tmexxi f' Burmarrad. Resaq fuqha ragel li staqsiha fejn seta' jsib banka tal-lottu ohra miftuha ladarba hi kienet ghalqet. Suda nnotat li kellha *puncture* fil-car taghha u r-ragel offra li jibdilhulha. Suda qeghdet iz-zewg basktijiet fuq is-*seat* ta' wara tal-*car* taghha u daret biex tiftah il-*hatch back*. Sakemm ghamlet hekk, ir-ragel kien pront hatfilha l-basktijiet u telaq jigri bihom. Fil-basktijiet kellha sitt mija w hamsin Ewro flus kontanti, fosthom xi muniti, sitt mija w tnejn u sittin Ewro fi *scratch cards,* u kemm jiswew erba mija w hamsa w tmenin Ewro f' *top-up cards* tal-Go mobile phones u *cheques*, inkluz cheque ta' elf, mija w hamsa w disghin Ewro tal-HSBC, apparti affarijiet ohra personali bhal *identity card* u licenzja tas-sewqan.

Kien hemm zewg xhieda, l-konjugi **Pacifico w Teresa Agius** li ftit qabel dan kollu kienu raw vettura Mercedes kulur griz b' zewg irgiel go fiha w din il-car kienet identika ghal dik tal-istess Agius u ghalhekk innotaha. Il-konjugi Agius kienu raw il-Mercedes ipparkjata fid-direzzjoni li fiha kien gera r-ragel wara li kien hataf il-basktijiet ta' Suda. Agius kien ukoll ra din il-vettura hdejn ir-roundabout tal Erba Mwiezeb flimkien ma vetturi tal-Pulizija aktar tard.

Di fatti, skond ix-xiehda tal-**Ispettur Joseph Mercieca,** ftit aktar tard, il-karozza Mercedes numru JBJ 767 bl-appellant u Anthony Zammit go fiha, kienet giet intercettata mill-*mobile units* tal-Pulizija fejn ir-*roundabout* tal-Erba Mwiezeb limiti ta' San Pawl il-Bahar. Minn tfittxijiet diversi li saru mill-Pulizija fl-inhawi lilhom indikati minn Zammit, il-Pulizija rkupraw cards tat-tifla tad-

derubata Suda kif ukoll il-portmoney ta' Suda bl-*identity card* u d-*driving licence* taghha go fih  izda l-flus u *top-up vouchers* tal-mobile ta' go fih baqghu ma nstabux. Wara kienu mbaghad instabu wkoll l-*scratch cards* kollha.

Umbaghad xehed ukoll **Anthony Zammit** li qal dak in-nhar li kien iltaqa' mal-appellant b' kumbinazzjoni w marru Burmarrad. Kienu ftehmu li jisirqu lil tal-banka tal-Lottu billi jnizzlulha t-*tyre* tal-*car* li kienet ipparkjata fil-post rizervat ghall-*parking* tal-banka. Kienu waslu hemm ghall-habta tas-1pm u fil-waqt li hu baqa' hemm, l-appellant beda gej u sejjer. Zammit xehed ukoll li l-ftehim kien li wara li jiehu l-basket ta' Suda, jitla' fi Triq id-Dejqa. Hu hekk ghamel pero' l-appellant ma kienx hemm ghalhekk kompla jigri w ra lill-appellant fi triq ohra fejn l-appellant waqqaflu w telqu 'l hemm.  Minn dan irrizulta li l-persuna li kienet hatfet il-basket kien dan Anthony Zammit li fi proceduri separati kien ukoll ammetta l-akkuzi relatati mal-istess incident.

Da parti tieghu **l-appellant** xehed li kien iltaqa' ma Zammit b' kumbinazzjoni w li dan kien talbu *lift* ghal Bugibba. Meta waslu Burmarrad Zammit kien iddecieda li jieqaf hemm u ghalhekk hu kien waqqaflu hdejn il-Knisja . Damu jitkellmu ftit hemm u wara hu baqa' sejjer ghand wiehed jafu certu Tano tal-Prime f' Burmarrad stess. Ma damx u baqa' sejjer Bugibba fejn dahal jiehu *drink* ghand certu Omar u dam hemm xi siegha w nofs. Kompla jghid li hu u sejjer lura d-dar ghadda minn Burmarrad u hdejn Piscopo Gardens dahal fit-triq li taghti ghal Alla w Ommu w hemm raha lil Zammit b' xi basktijiet f' idejh. Waqqaflu w Zammit dahal fil-car tieghu . Meta staqsa lil Zammit x' kienu dawk il-basktijiet, dan kien qallu li kien seraq lil wahda. Meta sema' hekk hu nhasad u beda jghid lil Zammit li dawk ma kienux affarijiet li jsiru w li kienu ser jidhlu fl-inkwiet . Qal lil Zammit biex jitfa' kollox il-barra mill-karozza w Zammit hekk ghamel. Hu nnega li kien jaf x' kien ser jaghmel Zammit u li kellu xi involvement fis-serqa.

Ikkonsidrat;

L-Ewwel Qorti - bir-ragun – ma emmnitx il-versjoni tal-appellant li ma hija xejn hlief dak li bl-Ingliz tissejjah *"a*

*cock and bull story"* bazata fuq is-suppost inkontru b' 'kumbinazzjoni' **qabel** is-serqa w fuq inkontru iehor b' 'kumbinazzjoni' **wara** s-serqa, b' mod li l-halliel twassal fuq il-post tas-serqa **b' kumbinazzjoni** fil-vettura tal-appellant u xi saghtejn wara jew aktar rega' ngabar minn fuq il-post b' 'kumbinazzjoni' ohra mill-istess vettura misjuqa mill-appellant. Inoltre, kif gustament irrilevat l-Ewwel Qorti l-istess appellant ikkontradica ruhu meta fil-kontro-ezami ta' Zammit kien wissa lil Zammit diversi drabi biex jitilqu 'l hemm u ma jaghmlu xejn, haga li Zammit innega. B' din il-mistoqsija l-appellant implicitament jigi qed jammetti li kien jaf li marru biex issir serqa. Umbaghad kif jista' jitwemmen l-appellant meta xehed li kien qal lil Zammit li, meta dan qallu li kien seraq wahda, hu qallu li ***"dawk ma kienux affarijiet li jsiru",*** meta hu stess ghandu fedina penali twila daqs ktieb mimlija b' kundanni ghall-serq kontinwat u ripetut?

Ghalhekk ma hemmx dubju li l-appellant, ghalkemm ma kienx hu li fizikament hataf il-basket ta' Suda, kien komplici fis-serqa mwettqa mill-awtur Anthony Zammit billi b' xi mod li jkun, xjentement, ghin jew assista lill-awtur Zammit billi wasslu fuq il-post tad-delitt bil-vettura misjuqa minnu w weghdu li wara l-fatt jassistieh billi jerga' jmur jigbru minn fuq il-post bl-istess vettura misjuqa minnu w dan skond l-artikolu 42 (d) u (e) tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti tasal biex tilqa' l-appell fuq il-mertu tal-ewwel imputazzjoni biss in kwantu ssibu hati li kien komplici fl-istess serqa w mhux bhala l-awtur tad-delitt.

Kwantu ghall-aggravju dwar il-kwalifika tal-valur apparti li dwar dan xehdet id-derubata, li *a tempo vergine* kienet tat indikazzjoni precizissima ta' x' kien insterqilha lill-Ispettur Mercieca (fol. 53), gie ritenut minn din il-Qorti li ma hux mehtieg li jitqabbdu esperti mill-Qorti biex jistabilixxu l-valur ta' oggetti misruqa w li dan jista' jistabilih min ghandu jiggudika fuq il-fatt mic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Umbaghad, fejn is-serqa tkun ta' flus kontanti li ma jigux rikoverati, huwa biss id-derubat li jista' jghid l-ammont taghhom kemm kien. Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li tiddeciedi kif iddecidiet dwar l-aggravanti tal-valur u

cioe dak li kien jeccedi l-ammont ta' mitejn u erba' w tletin Ewro w ghalhekk jaqa' taht il-parametri tal-piena tal-artikoli 267 u 279 (a) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghar-rigward tas-sewqan bla licenzja, dan jirrizulta ampjament u ma hemm ebda kontradizzjoni fil-konkluzzjoni raggunta mill-Ewwel Qorti meta fl-istess hin ma sabitx lill-appellant hati li saq vettura bla ma kien kopert b' polza tas-sigurta' kontra r-riskji ta' terzi persuni. Dan hu perfettament possibbli guridikament. (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Angelo Scuderi"** [3.11.2005], **"Il-Pulizija vs. Charles Galea"**[3.5.2007] u ohrajn.)

Ikkonsidrat;

Fir-rigward tal-aggravju dwar il-piena mbaghad, il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.).

Ibda biex, skond l-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali, l-piena tal-komplici f' delitt hija l-istess bhall-piena stabbilita ghall-awtur tad-delitt. Ghalhekk fuq l-ewwel imputazzjoni l-appellant seta' jigi kundannat sa massimu ta' tlitt snin prigunerija kif effettivament gie kundannat. Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kap. 9 seta sahansitra gie ukoll kundannat ghall-sitt gimghat u tlitt ijiem prigunerija ohra (nofs il-massimu ta' tlitt xhur prigunerija) erogabbli ghar-reat ta' sewqan ta' vettura bla licenzja skond l-artikolu 15 (1) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, li tieghu instab hati skond l-ewwel parti tat-tieni imputazzjoni. Ghalhekk din il-piena kienet entro l-parametri tal-ligi.

Illi l-piena li giet erogata mill-Ewwel Qorti hadet kont tal-fedina penali refrattarja tal-appellant li minnha jirrizulta li hu diga' nstab hati mill-Qrati mill-inqas <u>**sitta w erbghin**</u>

**(46) darba,** principalment ghal reati kontinwati w ripetuti ta’ serq. **Hu diga kien kundannat ghall-piena karcerarja dsatax (19) il-darba**, apparti ruxxmata multi, liberazzjonijiet kondizzjonali, ammonizzjonijiet u reprensjonijiet. Ghalhekk bl-ebda mod ma jidher li l-piena kienet wahda manifestament eccessiva fic-cirkostanzi.

Ghar-rigward tal-iskwalifika milli jottjeni licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ ghaxar snin, il-ligi fl-artikolu 15 (1) (3) tal-Kap. 65 ma tispecifikax periodu massimu ta’ tali skwalifika imma biss wiehed minimu ta’ tmint ijiem. Hemm umbaghad l-artikolu 30 tal-Kap. 9, ukoll citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li jiddisponi li l-Qrati jistghu dejjem jordnaw jew jawtorizzaw is-sospensjoni jew thassir jew l-iskwalifika milli l-hati izomm jew jikseb xi licenzja mahruga mill-Gvern jew xi awtorita’ pubblika ghal dak iz-zmien li l-Qrati jidhrilhom xieraq u dana bla ebda limiti ta’ zmien. Konsidrat li l-appellat diga gie misjub hati ta’ reati simili hafna drabi w xorta baqa’ jsuq bla licenzja, addirittura b’ licenzja sospiza mill-Qorti, din il-Qorti ukoll ma tarax li l-perijodu tal-iskwalifika hu wiehed eccessiv.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati bhala awtur tal-ewwel imputazzjoni w minnfok issibu hati ta’ komplicita’ fis-serqa mertu tal-istess imputazzjoni w tikkonferma s-sentenza fil-bqija taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------